**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 13

It-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### MCAST – KORSIJIET TAL-MG2I – STUDENTI

**82. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li attendew korsijiet tal-MG2i fl-MCAST li huma nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-età medja tagħhom?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-iktar tagħrif riċenti juri dan li ġej.
F'livell wieħed hemm 100 student. Dan il-livell ikopri diversi suġġetti, fosthom Ingliż bażiku bħala lingwa barranija, u diversi korsijiet ta' livell wieħed f'diversi lingwi bħal Ġermaniż, Taljan, Spanjol u Franċiż, kif ukoll korsijiet fil-kultura u t-tpinġija.
F'livell tnejn hemm 155 student, fejn hawn wieħed isib korsijiet fil-lingwi f'livell ogħla, kif ukoll korsijiet fil-hairdressing, kura tas-siġar, żamma tan-naħal u welding fost suġġetti oħra.
F'livell tlieta wieħed isib firxa wiesgħa ta' korsijiet u għalihom hemm 808 studenti. Fost il-korsijiet f'dan il-livell hemm il-fotografija, installazzjoni tal-elettriku, korsijiet marbuta ma' arti u disinn, IT u media, biċċerija u arti perfomattiva.
F'livell erba' hemm 315-il student f'suġġetti bħal bioloġija, kimika u fiżika, book-keeping u rapportaġġ finanzjarju, forensika diġitali, edukazzjoni inklussiva, prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet, il-manifattura ta' ġojjellerija, is-sistemi ta' enerġija rinovabbli u l-installazzjoni tagħhom, u welding f'livell ogħla fost oħrajn.
F'livell ħamsa mbagħad hemm 222 student, bil-korsijiet f'dan il-livell huma marbuta ma' diversi suġġetti fosthom uħud li diġa' semmejt bħal l-edukazzjoni inklussiva imma f'livell ogħla minn dak li diġa' rreferejt għalihom u suġġetti oħra bħar-riżorsi umani, project managment, quantity surveying, public speaking, manifattura b'teknoloġija għolja, is-saħħa u s-sigurtà fost oħrajn.
F'livell sitta hemm 31 student bil-korsijiet huma dawk ta' Bachelor of Arts (Honours) in Inclusive Education - TOP UP, Bachelor of Arts (Honours) in Procurement and Finance u Bachelor of Science (Honours) in Software Development.
F'livell sebgħa mbagħad hemm diversi korsijiet f'livell ta' Masters li għalihom jattendu 128 student. Fost suġġetti koperti hemm ir-riċerka, l-intelliġenzja artifiċjali, l-Business Administration, MBA, Areospace Engineering, Applied Environmental Science, it-teknoloġija tal-informatika u x-xjenza sportiva fost oħrajn.
F'livell tmienja mbagħad hemm 26 persuna jagħmlu Professional Research Doctorate (DRes) on the Competitive Behaviour of Small Organizations.
Dan ifisser total ta' 2,421 studenti li minnhom 1,464 student ta' sess maskili, 955 student ta' sess femminili, u żewġ studenti ta' ġeneru ieħor.

Seduta Numru 13
20/07/2026

### L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – ĊENTRU GĦALL-ARTI LIBERALI U X-XJENZI – KORSIJIET

**83. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm korsijiet offruti bħalissa miċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi fl-Università ta' Malta?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li matul din is-sena akkademika ġew offruti 22 kors miċ-Ċentru msemmi, fl-Università ta' Malta.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – ĊENTRU GĦALL-ARTI LIBERALI U X-XJENZI – STUDENTI LI ATTENDEW**

**84. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li attendew korsijiet fiċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi fl-Università ta' Malta, fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li n-numru ta' studenti li attendew korsijiet fiċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi fl-Università ta' Malta fis-sena akkademika 2025/6 huwa ta' 263 student.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – ĊENTRU GĦALL-ARTI LIBERALI U X-XJENZI – STUDENTI LI KKWALIFIKAW**

**85. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li kkwalifikaw miċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi fl-Università ta' Malta, minn mindu twaqqaf l-istitut, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti kienu mature students?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat mit-twaqqif taċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi fl-Università ta' Malta mis-sena akkademika 2014/2015, total ta' 3,145 student irnexxielhom ilestu b'suċċess taqsima ta' studju, kif muri fit-Tabella 1. Minnhom, 61 student irnexxielhom jilħqu l-livell ta' Ċertifikat, Diploma jew Degree, kif muri fit-Tabella 2.
Ta' min ifakkar li dan il-programm huwa orjentat lejn studenti li, minħabba raġunijiet varji, qatt ma kellhom l-opportunità jsegwu kors fil-livell terzjarju jew inkella jeħtieġu flessibbiltà sabiex jistudjaw. Għaldaqstant, il-biċċa l-kbira tal-istudenti huma maturi.
Tabella 1

| Sena Akkademika | Total |
|---|---|
| 2014/5 | 187 |
| 2015/6 | 351 |
| 2016/7 | 267 |
| 2017/8 | 352 |
| 2018/9 | 370 |
| 2019/0 | 247 |
| 2020/1 | 196 |
| 2021/2 | 262 |
| 2022/3 | 293 |
| 2023/4 | 297 |
| 2024/5 | 323 |

Tabella 2 -

| Sena Akkademika | Total |
|---|---|
| 2015/6 | 7 |
| 2016/7 | 10 |
| 2017/8 | 7 |
| 2018/9 | 9 |
| Nov 2020 | 3 |
| Nov 2021 / Mar 2022 | 6 |
| Nov 2022 / Mar 2023 | 5 |
| Nov 2023 / Mar 2024 | 6 |
| Nov 2024 / Mar 2025 | 4 |
| Nov 2025 / Mar 2026 | 4 |
| Total | 61 |

Seduta Numru 13
20/07/2026

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – ĊENTRU GĦALL-ARTI LIBERALI U X-XJENZI – STUDENTI LI ATTENDEW**

**86. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li attendew korsijiet taċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi fl-Università ta' Malta li huma nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor fl-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-età medja tagħhom?
22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat li l-informazzjoni mitluba hija kif tidher hawn taħt;

| **Maskil** | **Femminil** | **Ġeneru ieħor** |
|---|---|---|
| 125 | 137 | 1 |

Seduta Numru 13
20/07/2026

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – RANKING INTERNAZZJONALI – MIŻURI**

**87. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed tieħu l-Università ta' Malta biex ittejjeb ir-ranking internazzjonali tagħha?
22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-Università ta' Malta tejbet ir-ranking tagħha hu hi impenjata li tkompli ttejjeb ir-ranking tagħha kemm reġjonalment kif ukoll globalment.
Ninsab infurmat li għal dan il-għan il-kumitat għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità stabbilixxa grupp ta' ħidma ddedikat sabiex jiżgura il-kwalità, konsistenza u akkuratezza tad-data li tiġi sottomessa lill-aġenziji tar-rankings. L-għan ta' dan il-grupp huwa li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni li tiġi pprovduta lill-aġenziji tar-rankings, għall-benefiċċju tal-integrità u r-reputazzjoni tal-UM f'dawn ir-rankings internazzjonali. Apparti dan, peress li l-pubblikazzjonijiet indiċizzati u ċ-ċitazzjonijiet (citations) għandhom l-ikbar impatt meta kkumparati ma' indikaturi oħra, il-Kumitat għal-Assigurazzjoni tal-Kwalità qiegħed jilħaq ukoll numru ta' Fakultajiet, Istituti, Ċentri u Skejjel fi ħdan l-Università bl-użu ta' preżentazzjonijiet, kif ukoll b'kollaborazzjoni mal-Librerija. L-għan ta' dan kollu huwa li jiżdied l-għarfien dwar dawn ir-rankings u l-importanza tal-pubblikazzjonijiet indiċizzati.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET - ALLEGAT KUNFLITT TA' INTERESS**

**197. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ta' allegat kunflitt ta' interess ġie investigat relatat ma' konċessjonijiet ta' artijiet li ngħataw fi Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET**

**198. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux intenzjoni jirrevedi l-policy dwar konċessjonijiet ta' artijiet fuq art pubblika sabiex ikun hemm aktar trasparenza u accountability?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET - MOUS, CONCESSION AGREEMENTS/SIDE AGREEMENTS**

**199. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull memorandum of understanding, concession agreement jew side agreement relatat ma' dawk il-konċessjonijiet ta' artijiet li ngħataw fi Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KONĊESSJONI TA' ART PUBBLIKA**

**200. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx audit intern jew investigazzjoni dwar il-proċess tal-għoti ta' art pubblika matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KONĊESSJONI TA' ART**

**201. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati konċessjonijiet ta' artijiet wara l-elezzjoni ġenerali tal-2026 u jekk dawn kenux diġà pendenti qabel l-elezzjoni?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**TAXIS U Y-PLATES – PERMESSI**

**202. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu permessi ġodda għal taxis u Y-plates matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026, maqsuma xahar b'xahar?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija għandha tiġi mwieġba fil-kuntest tal-informazzjoni mitluba.
Filfatt qed jiġi nnutat li t-talba mill-pubbliku għas-servizz tal-Y-plates qiegħed kull ma jmur jieħu rwol importanti fl-ekosistema tal-mobbilta' f'pajjiżna. L-aħħar figuri juru li d-domanda għal dan is-servizz qed jikber b'rata ħafna iktar mgħaġġla miż-żieda fin-numru ta' operaturi ġodda.
Filfatt meta wieħed jagħmel paragun bejn Frar-Mejju 2025 u Frar-Mejju 2026, filwaqt li l-operaturi attivi żdiedu minn 2,049 għal 2,419, cioe żieda ta' 15.2%, in-numru ta' vjaġġi fl-istess perjodu f'din is-sena, u cioe minn Frar sa Mejju 2026 biss, żdied minn 3,008,367 għal 5,061,576 fl-istess perjodu is-sena l-oħra, u cioe żieda ta' iktar minn 2 miljun vjaġġ, jew 68.2%.
Dan ifisser li fuq medja, operatur li sas-sena l-oħra għamel 1,469 vjaġġ bejn Frar u Mejju tal-2025, din is-sena operatur wieħed kellu jagħmel 2,093 vjaġġ għall-istess perjodu. 624 vjaġġ jew 46.1%, iżjed bħala medja, għal kull operatur.
L-ammont ta' permessi ġodda ta' operaturi li ħarġet Transport Malta fix-xhur indikati mill-Onorevoli Interpellant huwa 51 fi Frar 2026, 32 f'Marzu 2026, 50 f'April 2026 u 43 f'Mejju 2026. Total ta' 176 operatur, li minnhom 112 huma operaturi Maltin, filwaqt li 64 huma operaturi ta' nazzjonalita' terza.
Dawn in-numri juru b'mod ċar li l-politika tal-Gvern għall-użu ta' mobbilta' alternattiva minflok il-kastig, qed tibda tħalli frott hekk kif iktar residenti u turisti, qed juru trend lejn użu iktar frekwenti ta' y-plates, trasport bil-baħar, u tal-linja. L-għażla tan-nies għall-użu ta' mezzi alternattivi ta' trasport, tnaqqas id-dipendenza fuq l-użu tal-vetturi privati, kif ukoll il-pressjoni fuq il-postijiet tal-parkeġġ.
Dan il-Gvern kommess għal aktar xogħol u inċentiv fuq l-użu tal-mobbilta' alternattiva u għalhekk Malta-in-Motion ser tara li dawn is-servizzi jiżdiedu u jitjiebu sabiex il-poplu jingħata aktar għażla fuq kif għandu jivvjaġġja minn post għall-ieħor.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**JUNIOR COLLEGE – DROP OUTS**

**318. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm drop outs mill-Junior College fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li t-total ta' studenti li waqfu matul is-sena skolastika msemmija kien ta' 101 student. Minnhom 77 student kienu tal-ewwel sena u 24 student tat-tieni sena.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – DROP OUTS**

**319. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm drop outs mill-Università ta' Malta fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li t-total ta' studenti li waqfu jattendu kors fl-Università ta' Malta għas-sena skolastika 2025/26 huwa ta' 429 student.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**GIOVANNI CURMI HIGHER SECONDARY – DROP OUTS**

**320. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm drop outs mill-Higher Secondary fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li matul is-sena skolastika msemmija waqfu 49 student.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SUWIĊIDJI – MEJJU U ĠUNJU 2026**

**515. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hawn suwiċidji f'Mejju u Ġunju tal-2026? Jista' jgħid ukoll l-etajiet u l-ġeneru tagħhom?

30/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li kien hemm każ ta' raġel f'Mejju u ħames każi t' irgiel f'Ġunju, bl-etajiet ivarjaw bejn l-20 u s-60 sena.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SUWIĊIDJI**

**516. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hawn suwiċidji fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2026?

30/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nirreferi lill-Onor Interpellant għar-risposti mogħtija għad-domanda parlamentari nru 34682 tal-XIV il-leġislatura, kif ukoll għar-risposti mogħtija għad-domandi parlamentari bin-numri 1 u 515 tal-leġislatura kurrenti.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-BELT VALLETTA – BANKINI – TISWIJIET**

**517. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti garanzija u time frames ta' meta ser jissewwew il-bankini ġewwa l-Belt Valletta, speċjalment ta' Triq Melita u Triq San Pawl, peress li huma perikolużi partikolarment għal min ikollu problemi ta' mobbiltà?

30/06/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta li qed isir xogħol mill-Perit tal-Kunsill fuq l-applikazzjonijiet għall-finanzjament tax-xogħolijiet imsemmija permezz tal-*Planning Development Fund*. Hekk kif il-Kunsill jingħata l-fondi u l-approvazzjonijiet neċessarji sabiex jipproċedi, il-proġett ikun jista' jidħol fil-fażi tal-implimentazzjoni tiegħu.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**718. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 704.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**719. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE: Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jirreferi għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 704**

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**720. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tagħha, u jekk iva, telenkahom u tindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 704.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**721. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 704.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**722. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 704.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**723. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 704.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**IN-NADUR – TORRI TA' KENUNA**

**813. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu mis-Suprintendenza tal-Wirt Kulturali fl-aħħar sena u nofs biex it-Torri ta' Kenuna fin-Nadur, Għawdex, ma jitkompliex jiġġarraf?
02/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ġejt infurmat li s-Sovraintendza tal-Wirt Kulturali għamlet numru ta' spezzjonijiet fuq is-sit, u sar ukoll kuntatt ma' numru ta' stakeholders. Dawn saru bil-għan li tiġi determinata il-kawża taċ-ċaqliq fit-torri u tiġi stabbilita l-azzjoni li trid tittieħed fir-rigward.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IN-NADUR – TORRI TA' KENUNA – STUDJI**

**814. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux xi studji fuq it-Torri ta' Kenuna u jekk iva, jista' jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

02/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IN-NADUR – TORRI TA' KENUNA – PREVENZJONI TA' TIĠRIF**

**815. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ser jittieħdu u meta ser jittieħdu, biex it-Torri ta' Kenuna jiġi salvat qabel ma jkun tard wisq u jiġġarraf?

02/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi ġejt infurmat li kif is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali jkollha stampa ħolistika tal-istat li jinsab fih is-sit imsemmi, tkun tista' tibda it-taħdidiet biex isir ix-xogħol neċessarju.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – TNEĦĦIJA TA' SIĠAR TAL-PALM**

**816. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk fil-bitħa interna tal-bini tal-Ministeru għal Għawdex kienx hemm żewġ siġar tal-palm (Washingtonia)? Jekk iva, jista' jgħid kemm kienu ilhom imħawla dawn is-siġriet? Jista' jgħid ukoll jekk dawn is-siġar tneħħewx u jekk iva, meta u fix-ħin tneħħew ?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ż-żewġ siġriet tal-palm li kien hemm fil-bitħa tal-ilvant tal-Ministeru għal Għawdex u li għandha entratura minn Pjazza San Franġisk, Victoria Għawdex, ġew maqtugħa nhar it-Tlieta, 9 ta' Ġunju, 2026 bejn is-1.00 p.m u l-5.00 p.m. Id-data tat-tħawwil taż-żewġ siġar tal-palm mhix magħrufa.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – TNEĦĦIJA TA’ SIĠAR TAL-PALM**

**817. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid min ta l-istruzzjoni sabiex jitneħħew iż-żewġ siġriet tal-palm (Washingtonia) li kienu jinsabu fil-bitħa interna tal-bini tal-Ministeru għal Għawdex? Jista’ jgħid ukoll x’kienet ir-raġuni għat-tneħħija tagħhom u min wettaq dan ix-xogħol?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ż-żewġ siġriet tal-palm li kien hemm fil-bitħa tal-ilvant tal-Ministeru għal Għawdex u li għandha entratura minn Pjazza San Franġisk, Victoria Għawdex, ġew maqtugħa abbażi ta’ rapport minn għand arborista. Ix-xogħol twettaq minn Kuntrattur privat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – TNEĦĦIJA TA’ SIĠAR TAL-PALM**

**818. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk inkisibx xi permess jew awtorizzazzjoni mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u/jew minn xi awtorità oħra kompetenti sabiex jitneħħew iż-żewġ siġriet tal-palm (Washingtonia) li kienu jinsabu fil-bitħa interna tal-bini tal-Ministeru għal Għawdex? Jekk iva, jista’ jqiegħed kopja ta’ dan il-permess fuq il-Mejda tal-Kamra?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ż-żewġ siġriet tal-palm li kien hemm fil-bitħa tal-ilvant tal-Ministeru għal Għawdex u li għandha entratura minn Pjazza San Franġisk, Victoria Għawdex, ma kinux jinħtieġu permessi sabiex jinqatgħu minħabba li ma humiex siġar indiġeni u/jew endemiċi. Apparti hekk, dawn is-siġriet ma kinux jinsab f’post miftuħ pubbliku.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – BANDLI TA’ ST. PETER’S – XOGĦLIJIET**

**905. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista’ l-Ministru tgħid fiex waslu x-xogħlijiet fil-bandli ta’ St Peter’s, f’Ħaż-Żabbar?

03/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar li x-xogħlijiet fil-bandli ta’ St Peter’s kellhom jitwaqqfu minħabba li l-offerent li ngħata l-kuntratt ma bediex ix-xogħlijiet kif stipulat fil-kuntratt. Konsegwentament, il-Kunsill Lokali kien obbligat isegwi l-proċeduri previsti mir-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku, li ma jippermettux il-kontinwazzjoni immedjata tax-xogħlijiet.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – MISRAĦ TAL-MADONNA MEDJATRIĊI – FUNTANA**

**906. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista’ l-Ministru tgħid jekk hemmx mod biex tissewa u terġa’ tibda taħdem il-funtana f’Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, f’Ħaż-Żabbar?

03/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata li l-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar qiegħed jippjana proġett sabiex il-funtana f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi tiġi mibdula. Dan minħabba li l-funtana teħtieġ intervent estensiv ta' manutenzjoni fl-infrastruttura taħt l-art u t-tiswija tagħha mhijiex waħda sempliċi.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – MISRAĦ SAN ĠAKBU – FUNTANA – XOGĦLIJIET**

**907. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid fiex waslu x-xogħlijiet biex terġa' tibda taħdem il-funtana f'Misraħ San Ġakbu, f'Ħaż-Żabbar?

03/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar li f'Misraħ San Ġakbu m'hemmx funtana.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SKEMA BIEX IĊĊEDI L-LIĊENZJA TAS-SEWQAN – APPLIKAZZJONIJIET**

**908. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il-żagħżugħ u żagħżugħa applikaw għall-iskema biex iċedu l-liċenzja tas-sewqan għal €25,000?

03/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SKEMA BIEX IĊĊEDI L-LIĊENZJA TAS-SEWQAN**

**909. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta se tiġi fis-seħħ l-iskema biex iċċedi l-liċenzja tas-sewqan għal €25,000?

03/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill- Onor Interpellant illi din l-iskema ġiet introdotta f'Jannar 2026.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KUNSILL NAZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ**

**910. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid fiex jikkonsisti b'mod speċifiku t-taħriġ tal-Kunsill Nazzjonali għat-Taħriġ fil-qasam tal-Gvern Lokali?

03/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata li l-Kunsill Nazzjonali għat-Taħriġ fil-qasam tal-Gvern Lokali, kif propost fl-Istrateġija Nazzjonali għat-Taħriġ tal-Gvern Lokali, huwa maħsub biex jikkoordina u jissorvelja programm nazzjonali ta' taħriġ immirat lejn il-kunsilliera eletti, is-segretarji eżekuttivi, l-impjegati tal-kunsilli lokali u reġjonali, kif ukoll uffiċjali oħra li jaħdmu mill-qrib mas-settur tal-Gvern Lokali.

It-taħriġ propost jinkludi oqsma ewlenin bħall-leġiżlazzjoni tal-gvern lokali, it-tmexxija u l-governanza, il-ġestjoni finanzjarja, l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tal-proġetti, l-użu tal-fondi Ewropej, is-servizz lejn iċ-ċittadin, il-protezzjoni tad-data, l-etika u l-integrità, kif ukoll l-użu ta' għodod diġitali u teknoloġiċi. Se tingħata wkoll importanza lill-iżvilupp ta' programmi akkreditati fil-qasam tal-gvern lokali u għall-iżvilupp kontinwu tal-kompetenzi professjonali.

L-Istrateġija tippromwovi wkoll metodi moderni ta' tagħlim, inkluż taħriġ online u blended learning, mentoring, skambji ta' esperjenzi, internships u attivitajiet ta' networking sabiex l-għarfien miksub ikun aktar prattiku u rilevanti għar-realtajiet tal-kunsilli lokali u reġjonali.

L-għan ewlieni huwa li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni lokali, jitjiebu l-istandards tas-servizz mogħti liċ-ċittadini u tkompli tissaħħaħ il-governanza tajba fil-livell lokali u reġjonali.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**ANZJANI LI SPIĊĊAW HOMELESS – SENA 2026**

**1023. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il anzjan spiċċa homeless f'din is-sena sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'servizz ġie offrut mill-Gvern?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-Mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**ANZJANI – SERVIZZ TA' CARER PRIVAT – ĦLAS TA' VAT**

**1024. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-anzjani li jħallsu għal servizz ta' carer privat ikunux eżentati milli jħallsu l-VAT? Jekk le, jista' jgħid għalfejn mhux qed jiġu eżentati?

07/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fejn carer ikun impjegat direttament mill-anzjan jew mill-familja tiegħu u jkun qed jaġixxi fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg, il-ħlas li jsir lill-carer ma jkunx suġġett għall-VAT.

Fejn is-servizz jiġi pprovdut minn persuni terzi, dan jġi eżentat jekk ikun mogħti minn istituzzjoni tal-gvern, jew minn organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt, jew minn organizazzjoni li tissodisfa ir-rekwiżiti legali kollha determinati mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jingħataw tali servizzi.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-ĦAMRUN – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**1025. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru fil-Ħamrun sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fil-Ħamrun ser isir xogħol infrastrutturali fi Triq Mile End u Triq Schembri li mistenni jkunu lesti fil-ġimgħat li ġejjin. Ix-xogħlijiet li ser isiru f'parti minn Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq San Ġorg Preca, parti minn Triq Joe Gasan u parti minn Triq Mountbatten jikkonsistu f' tibdil ta' servizzi fit-triq, kostruzzjoni ta' bankini ġodda u tqegħid ta' asfalt ġdid. Dan ix-xogħol mistenni jkun lest fix-xhur li ġejjien.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-BELT VALLETTA – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**1026. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru fil-Belt Valletta sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ser jingħata wiċċ ġdid ta' asfalt fi Triq San Bastjan, il-Belt Valletta.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**SANTA VENERA – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**1027. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Santa Venera sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li f'Santa Venera ser isir xogħol infrastrutturali fi Triq il-Ħarrub li mistenni jkun lest fil-ġimgħat li ġejjien. Ser isir ukoll xogħol ta' major patching fi Triq Regjonali.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**FLORIANA – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**1028. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru fil-Floriana sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li x-xogħlijiet f'Xatt iċ-Ċangatura,Triq Emvin Cremona, parti minn Triq Nazzjonali u parti minn Triq Indipendenza jikkonsistu f' tibdil ta' servizzi fit-triq, kostruzzjoni ta' bankini ġodda u tqegħid ta' asfalt ġdid. Dan ix-xogħol mistenni jkun lest sal-aħħar ta' din is-sena.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU - INVENTARJU NAZZJONALI TAL-PROPRJETÀ KULTURALI**

**1117. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 927 u jgħid għaliex il-Maħras ta' Tabibu, f'San Pawl il-Baħar għadha mhijiex inkluża fl-Inventarju Nazzjonali tal-Proprjetà Kulturali, minkejja s-sinifikat storiku u kulturali tagħha? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjan biex din l-ommissjoni tiġi indirizzata?

09/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onorevoli Intepellant li ġejt infurmat li l-eżerċizzju għall-inklużjoni ta' siti u proprjetajiet fl-Inventarju Nazzjonali huwa proċess kontinwu. Is-Sovrintendenza twettaq dawn l-eżerċizzji fuq bażi tematika, sabiex tiżgura approċċ sistematiku u konsistenti. Dawn l-eżerċizzji jeħtieġu żmien adegwat biex issir riċerka, id-dokumentazzjoni u l-ispezzjonijiet meħtieġa, bil-għan li jiġi vvalutat il-valur tal-wirt kulturali ta' kull sit jew proprjetà li tista' tiġi kkunsidrata għall-inklużjoni fl-Inventarju Nazzjonali.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU - RESTAWR**

**1118. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 928 u jgħid jekk hemmx fondi allokati jew ippjanati għar-restawr, il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-Maħras ta' Tabibu, f'San Pawl il-Baħar u meta huwa mistenni li jibdew dawn l-interventi?

09/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1117.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU**

**1119. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 929 u jgħid jekk il-Gvern hux ser jikkollabora ma' Din l-Art Ħelwa, mas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali u ma' entitajiet oħra kompetenti sabiex jiġi salvagwardjat il-monument uniku tal-Maħras ta' Tabibu, f'San Pawl il-Baħar, li huwa meqjus bħala l-aħħar maħras medjevali li għadu jeżisti fil-Gżejjer Maltin?

09/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1117.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**JOBSPLUS – BDIEWA RREĠISTRATI**

**1131. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm bdiewa reġistrati ma' Jobsplus bħala full-time u kemm hemm bdiewa reġistrati bħala part-time sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont l-età, is-sess u l-lokalità ta' residenza?

09/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li sal-aħħar ta’ Frar 2026, in-numru ta’ bdiewa reġistrati ma' Jobsplus kien jammonta għal 3,867 (uniċi). Minn dawn, in-numru ta’ bdiewa reġistrati bħala full-time kien jammonta għal 1,052 waqt li n-numru ta’ bdiewa reġistrati part-time bħalha xogħol ewlieni tagħhom jammonta għal 873. In-numru ta’ bdiewa reġistrati part-time iżda l-impjieg ewlieni tagħhom huwa full-time ieħor jammonta għal 1,975 .

Seduta Numru 13
20/07/2026

**CARRYING CAPACITY**

**1132. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-popolazzjoni massima li l-infrastruttura ta' Malta tista' ssostni (carrying capacity study), x'inhi din il-kapaċità u kif qed tiġi applikata?

09/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IS-SETTUR EDUKATTIV – STRATEĠIJA ĠDIDA TA’ INKLUŻJONI**

**1173. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista’ l-Ministru jgħid fiex waslet il-pre-konsultazzjoni dwar strateġija ġdida ta’ inklużjoni fis-settur edukattiv?

10/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li biex jiġi assigurat proċess indipendenti u oġġettiv, il-Ministeru qiegħed f’kuntatt mal-UNESCO biex jassistu lill-istess Ministeru fl-iżvilupp tal-strateġija. Infurmat li fix-xhur li ġejjin huma pjanati id-diskussjonijiet preliminari biex jiġi imfassal pjan ta’azzjoni.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**ILMA TAN-NEW WATER LI QED JINGĦATA LILL-BDIEWA**

**1174. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru tgħid x’qed iwassal biex l-ammont ta’ ilma li qed jingħataw il-bdiewa, minn New Water, qed ikun f’ammonti ferm inqas minn dak li jkollhom bżonn? Tista’ tgħid ukoll x’qed iwassal biex minkejja ż-żieda fid-drenaġġ li jmur fit-treatment plant taċ-Ċumnija, l-ilma disponibbli qed ikun ftit?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma tiddeterminax hi l-ammont ta' New Water li jingħata lill-bdiewa individwali. Tajjeb jiġi ċċarat li l-ammont ta' New Water prodott mhux relattiv mal-ammont tad-drenaġġ trattat. Dan għaliex il-produzzjoni tan-New Water issir ġewwa mpjant dedikat apposta għalhekk, u għaldaqstant il-kapaċità hija waħda definita. Fl-2025 il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma produċiet ammont rekord ta' 1.6 miljun metru kubu ta' New Water.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-BIDNIJA – TRIQ IL-GIRNA – TQEGĦID TAS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**1175. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm żviluppi dwar it-tqegħid tas-sistema tad-drenaġġ fl-inħawi ta' Triq il-Girna fil-Bidnija? Jekk iva, tista' tgħid x'kienu dawn l-iżviluppi?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-ġimgħat li ġejjin se tkun qed tinstalla sistema tad-drenaġġ, billi se jitpoġġew katusi fid-dawra tat-triq indikata u sentina biex tiġbor is-sistema b'mod kollettiv.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**BCA – XOGĦOL FIT-TOROQ – EŻENZJONIJIET**

**1176. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il eżenzjoni ngħatat mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) għal dak li jirrigwarda xogħol f'toroq li fihom mhux suppost isir xogħol bejn il-15 ta' Ġunju u l-aħħar ta' Settembru? Jista' jgħid ukoll f'liema lokalitajiet ingħataw dawn l-eżenzjonijiet u kemm ingħataw għal kull lokalità?

10/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) toħroġ eżenzjonijiet għal xogħlijiet ta' demolizzjoni u skavar f'dawk it-toroq fejn tali xogħlijiet ma jistgħux isiru bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru, u dan biss f'każijiet fejn il-perit tal-proġett jiddikjara li teżisti sitwazzjoni ta' emerġenza.
Sal-lum, il-BCA irċeviet 46 talba, li wara li saret evalwazzjoni, 25 minnhom ingħataw eżenzjoni b' varji kundizzjonijiet.
Dawn huma imqassma kif ġej:
• San Ġiljan – 3
• Tas-Sliema – 4
• L-Isla – 1
• Buġibba – 1
• Il-Gżira – 2
• Il-Mellieħa – 1
• Ir-Rabat (Għawdex) – 1
• San Pawl il-Baħar – 4
• Il-Qawra – 1
• Marsaskala – 2
• Il-Belt Valletta – 1
• Is-Swieqi – 1
• Ix-Xemxija – 3
Seduta Numru 13
20/07/2026

**BCA – STOP NOTICES**

**1177. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) tinfurmax lill-kunsilli lokali meta toħroġ stop notice fuq ix-xogħol, biex f'dawn il-każijiet, il-kunsill ma jispiċċax joħroġ permessi fejn mhux suppost u jsiru xogħlijiet fejn ikun hemm diġà stop notices?

10/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) toħroġ il-komunikati uffiċjali tagħha kemm lill-perit tal-proġett, kif ukoll lill-applikant.
Meta l-Awtorità toħroġ avviż ta' Stop Works, dan il-komunikat ikun ukoll disponibbli għall-pubbliku permezz tal-portal eApps, fejn jista' jiġi aċċessat u vverifikat minn kull min ikun interessat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MTA – XOGĦOL FIT-TOROQ – EŻENZJONIJIET**

**1178. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il eżenzjoni ngħatat mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) għal dak li jirrigwarda xogħol f'toroq li fihom mhux suppost isir xogħol bejn il-15 ta' Ġunju u l-aħħar ta' Settembru? Jista' jgħid ukoll f'liema lokalitajiet ingħataw dawn l-eżenzjonijiet u kemm ingħataw f'kull lokalità?

10/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) ħarġet **seba' (7) eżenzjonijiet** sabiex ikunu jistgħu jitwettqu xogħlijiet f'żoni turistiċi matul il-perjodu bejn il-15 ta' Ġunju u l-aħħar ta' Settembru.
Ingħatat **eżenzjoni waħda (1)** f'kull waħda minn dawn il-lokalitajiet:

- · Marsaxlokk;
- · Għajnsielem (Għawdex);
- · Il-Belt Valletta;
- · Swieqi;
- · Tas-Sliema;
- · Birżebbuġa; u
- · Mellieħa.

Dawn l-eżenzjonijiet mhux neċessarjament ingħataw għal perjodu sħiħ.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**L-IMTARFA – ĠNIEN 27 T'APRIL – XOGĦLIJIET**

**1187. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanta u l-method statement ta' Ġnien 27 t' April fl-Imtarfa li qed isir ix-xogħol fuqu minn Project Green? Tista' tgħid ukoll fiex ser ikun jikkonsisti x-xogħol kollu u kemm hi stmata l-ispiża?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmata li dwar il-proġett ta' Ġnien 27 t'April qed jiġu finalizzati l-pjanti tad-disinn flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa, biex wara jibda l-proċess għall-ksib tal-permessi neċessarji.
Il-proġett jinkludi l-formazzjoni ta' passaġġi naturali, ir-riġenerazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ eżistenti, tħawwil ta' veġetazzjoni, u l-installazzjoni ta' għamara urbana biex il-pubbliku jkun jista' jgawdi aħjar l-ispazju miftuħ, filwaqt li tissaħħaħ ukoll is-sigurtà tas-sit.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**L-IMTARFA – ĠNIEN 27 T'APRIL – ŻBIR U INTERVENTI FUQ SIĠAR INDIĠENI**

**1188. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kienx hemm permess għaż-żbir u l-interventi li saru fuq siġar indiġeni, inkluż ħarrub, waqt ix-xogħlijiet li saru fi Ġnien 27 ta' April fl-Imtarfa? Jekk iva, tista' tgħid ukoll meta nħareġ dan il-permess?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li x-xogħol sar għal skop ta' manutenzjoni skont il-permess ambjentali b'referenza EP1344/23, li jkopri xogħlijiet u interventi fuq siġar f'dan il-ġnien, li nħareġ mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) lil Project Green fid-9 ta' Lulju 2024 u li għadu validu.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**RAĦAL ĠDID U L-INĦAWI – IRWEJJAĦ IKKAWŻATI MINN HIGH-SULPHUR MARINE FUEL**

**1189. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-irwejjaħ li kienu qed jinxtammu f'Raħal Ġdid u l-inħawi, u li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) kkonfermat li kienu kkawżati minn high-sulphur marine fuel, tista' l-Ministru tgħid:
i. b'liema kriterji kienu qed joperaw u taħt liema direttiva jew permess;
ii. kemm kienu l-emissjonijiet u kemm kien hemm PPM ta' sulphur f'dan il-fuel;
iii. jekk sarux testijiet fuq il-fuel għal-livell ta' sulphur qabel inħatt u jekk saru, għalfejn inħatt xorta;
iv. jekk dan il-fuel intużax jew inbigħx f'Malta; u
v. x'riskji ġab miegħu għall-ħaddiema u għar-residenti f'dawn l-inħawi?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fir-rigward tal-każ li qed issir riferenza għalih, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-operat tat-terminal huwa suġġett għall-qafas regolatorju applikabbli, inkluż id-Direttiva 2012/18/UE dwar il-kontroll tal-perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi, kif trasposta fil-leġiżlazzjoni sussidjarja 646.12. Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u l-Awtorita ghal-Ambjent u Rizorsi joħorġu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa fil-kuntest tar-responsabbiltajiet taghhom.
Ninsab infurmata li fir-rigward tal-kontenut ta' sulphur, iċ-ċertifikat ta' kwalità tal-kunsinna jindika kontenut ta' sulphur ta' 0.275%. Il-kunsinna ġiet ittestjata minn kumpanija indipendenti ta' spezzjonar qabel l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha. Apparti livelli elevati ta' sulphur, iċ-ċertifikat ta' kwalità indika li l-prodott kien konformi mal-ispeċifikazzjonijiet applikabbli għall-prodott inkwistjoni u għalhekk ma kien hemm xejn li jimpedixxi l-ħatt tiegħu.
Infurmata wkoll li l-kunsinna ntużat bħala parti minn operazzjoni ta' taħlit ma' fjuwil ieħor, bil-prodott finali mqiegħed fis-suq ikollu kontenut ta' sulphur li ma jaqbiżx iż-0.1%.
Infurmata li matul il-perjodu inkwistjoni ma ġewx reġistrati qbiż tal-parametri operattivi li jiġu mmonitorjati għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fis-sit.
Fir-rigward tas-saħħa pubblika, il-Ministeru qed jistrieħ fuq il-valutazzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**IS-SWIEQI U SAN ĠWANN – TRIQ IL-PELLIKAN – QTUGĦ TA’ ĦAXIX U SIĠAR**

**1190. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jara li jinqatgħu l-ħaxix u s-siġar li hemm ħiereġ fi Triq il-Pellikan, bejn is-Swieqi u San Ġwann, li qed jostakola l-passaġġ u jkun ta' ħsara għal vetturi li jgħaddu minn din it-triq?

10/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IS-SWIEQI U SAN ĠWANN – TRIQ IL-PELLIKAN – QTUGĦ TA’ ĦAXIX U SIĠAR**

**1191. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jara li jinqatgħu l-ħaxix u s-siġar li hemm ħiereġ fi Triq il-Pellikan, bejn is-Swieqi u San Ġwann, li qed jostakola l-passaġġ u jkun ta' ħsara għal vetturi li jgħaddu minn din it-triq?

10/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SERVIZZI TAL-LPTS – PERMESSI TA’ ŻVILUPP**

**1192. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 812 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta’ permessi ta’ żvilupp maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-faċilitajiet tal-iggaraxxjar għas-servizzi tal-Light Passenger Transport System (LPTS), li huwa rekwiżit għal-liċenzja tal-operatur indikati minn operaturi li għandhom minn 30 vettura ‘l fuq u jindika l-indirizz tal-faċilitajiet tal-iggaraxxjar ta’ kull operatur?

10/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MALTEMPATA HARRY – SKEMA TA’ GĦAJNUNA GĦAS-SAJJIEDA MALTIN**

**1196. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju tinsab l-iskema ta' għajnuna li kienet tħabbret għas-sajjieda Maltin b'rabta mal-ħsarat li ġarrbu fuq l-opri tal-baħar, kawża tal-Maltempata Harry? Jista’ jgħid ukoll kemm-il applikazzjoni waslet s'issa, jekk bdewx isiru l-pagamenti jew l-għajnuna mwiegħda, u jekk le, x'qed jikkawża dan id-dewmien?

10/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Kif m’għandix dubju li jaf l-Onor. Interpellant il-qasam tas-sajd jaqa taħt il-mansjoni ta’ Ministeru ieħor, għaldaqstant nistiednu jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**MALTEMPATA HARRY – SKEMA TA’ GĦAJNUNA GĦAS-SAJJIEDA MALTIN**

**1197. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju tinsab l-iskema ta' għajnuna li kienet tħabbret għas-sajjieda Maltin b'rabta mal-ħsarat li ġarrbu fuq l-opri tal-baħar, kawża tal-Maltempata Harry? Jista’ jgħid ukoll kemm-il applikazzjoni waslet s'issa, jekk bdewx isiru l-pagamenti jew l-għajnuna mwiegħda, u jekk le, x'qed jikkawża dan id-dewmien?

10/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MALTEMPATA HARRY – SKEMA TA’ GĦAJNUNA GĦAS-SAJJIEDA MALTIN**

**1198. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju tinsab l-iskema ta' għajnuna li kienet tħabbret għas-sajjieda Maltin b'rabta mal-ħsarat li ġarrbu fuq l-opri tal-baħar, kawża tal-Maltempata Harry? Jista’ jgħid ukoll kemm-il applikazzjoni waslet s'issa, jekk bdewx isiru l-pagamenti jew l-għajnuna mwiegħda, u jekk le, x'qed jikkawża dan id-dewmien?

10/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li ġiet sottomessa applikazzjoni għall-Fondi Ewropej taħt l-EU Solidarity Fund, fuq it-telf u l-ħsarat li sofrew is-sajjieda Maltin.
Din l-applikazzjoni issa tinsab għall-iskrutinju tal-Kummissjoni Ewropea.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**TRASPORT PUBBLIKU B’XEJN**

**1199. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta’ persuni ta’ nazzjonalità Maltija u kemm hu n-numru ta’ persuni ta’ nazzjonalitajiet oħra li jużaw is-servizz tat-trasport pubbliku b’xejn?

13/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**TRASPORT PUBBLIKU B’XEJN**

**1200. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta’ persuni ta’ nazzjonalità Maltija u kemm hu n-numru ta’ persuni ta’ nazzjonalitajiet oħra li jużaw is-servizz tat-trasport pubbliku b’xejn?

13/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-proċess ta’ reġistrazzjoni għat-Tallinja Card, li hija meħtieġa sabiex persuna tibbenefika mis-servizz tat-trasport pubbliku b’xejn, ma tinġabarx informazzjoni dwar in-nazzjonalità tal-applikant. Għaldaqstant, l-informazzjoni mitluba mhijiex disponibbli.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**STUDENTI U L-EDUKATURI - MIŻURI GĦAS-SĦANA**

**1201. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema miżuri qed jittieħdu biex jiġu mħarsa l-istudenti u l-edukaturi mill-effetti tas-sħana eċċessiva matul ix-xhur tas-sajf, b'mod partikolari fl-iskejjel li għad m'għandhomx sistemi ta' arja kkundizzjonata?

13/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li bħalissa 32 skola tal-Istat huma mgħammra kompletament b'sistemi ta' arja kkundizzjonata. Inqis t-titjib tal-ambjent tat-tagħlim u tax-xogħol fl-iskejjel bħala prijorità. Għalhekk, l-installazzjoni tal-arja kkundizzjonata fl-iskejjel li fadal se ssir b'mod gradwali matul is-snin li ġejjin. Dan jifforma parti minn programm usa' ta' xogħlijiet immirati biex itejbu l-ambjent fl-iskejjel, inkluż titjib fis-sistemi tal-ventilazzjoni, l-aperturi u infrastruttura oħra. Aktar dettalji dwar dan il-programm ser jitħabbru fiż-żmien li gej.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**LULJU 2026 - GĦASES TAL-PULIZIJA MIFTUĦA**

**1203. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid liema għases tal-Pulizija f'Malta u Għawdex huma miftuħa matul Lulju 2026, u jagħti l-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ ta' kull għassa?

13/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li dawn huma l-għasses miftuħa 24 siegħa kuljum, ħlief għal dawk ġewwa l-Għadira u Kemmuna

| |
|---|
| 1 PD – Valletta |
| 2 PD – Ħamrun, Marsa |
| 3 PD – Paola, Fgura, Luqa |
| 4 PD – Cospicua, Żabbar, M'Scala |
| 5 PD – Żejtun, B'Buġia, Żurrieq |
| 6 PD – Qormi, Siġġiewi |
| 7 PD – Sliema, Gżira |
| 8 PD – St. Julians |
| 9 PD – Birkirkara, Naxxar |
| 10 PD – Mosta, Rabat |
| 11 PD – Qawra (SPB), Ċirkewwa |
| 12 PD – Victoria, Marsalforn, Mġarr, Xlendi |
| MIA – 24/7 |
| Sta Lucija DV Hub – 24/7 |
| Mtarfa DV Hub – 24/7 |
| Għadira – 0900 hrs – 2100 hrs |
| 12 PD – Kemmuna (Mon-Thu 06:00hrs-00:00hrs / Fri-Sun 06:00hrs-01:00hrs) |

Seduta Numru 13
20/07/2026

**GENERATORS**

**1204. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba ntużaw generators fit-toroq ta' Malta u Għawdex sabiex jipprovdu provvista temporanja tal-elettriku mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' ukoll tindika l-lokalità u t-triq fejn intuża kull generator, id-data jew id-dati li fihom intuża, u għal kemm żmien dam jintuża?

13/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Enemalta investiet f'numru ta' generators li jintużaw primarjament biex, waqt li jkunu qegħdin isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni ppjanati fuq is-sistema tad-distribuzzjoni, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ li tintefa' substation, il-klijenti ma jibqgħux mingħajr provvista tal-elettriku sakemm ix-xogħol ikun lest.
Barra minn hekk, f'każijiet ta' ħsarat mhux ippjanati fuq in-network, dawn il-generators jistgħu jintużaw ukoll bħala miżura temporanja biex jitnaqqas il-perjodu li fih il-klijenti jkunu mingħajr provvista, sakemm jitlestew ix-xogħlijiet ta' tiswija meħtieġa u tiġi restawrata l-provvista b'mod normali mal-grid ta' l-elettriku.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KAROZZI FIT-TOROQ MALTIN U GĦAWDXIN**

**1205. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu jew naqqsu karozzi fit-toroq Maltin u Għawdxin mill-bidu tal-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

13/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**BANKINI**

**1206. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan konkret biex issir ħidma estensiva u jkun assigurat li l-bankini kollha ta' Malta u Għawdex ikunu jistgħu verament jintużaw minn kulħadd, inkluż dawk li għandhom diffikultajiet ta' mobilità? Jekk iva, jista' jagħti d-dettalji ta' dan il-pjan, inkluż il-perjodu ta' żmien previst għall-implimentazzjoni tiegħu?

13/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**BANKINI**

**1207. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx pjan konkret biex issir ħidma estensiva u jkun assigurat li l-bankini kollha ta' Malta u Għawdex ikunu jistgħu verament jintużaw minn kulħadd, inkluż dawk li għandhom diffikultajiet ta' mobilità? Jekk iva, tista' tagħti d-dettalji ta' dan il-pjan, inkluż il-perjodu ta' żmien previst għall-implimentazzjoni tiegħu?

13/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Il-Ministeru jemmen fl-awtonomija tal-Kunsilli Lokali u ser ikompli jagħtihom is-sostenn u l-għodod neċessarji biex iwettqu l-ħidma fil-lokalitajiet rispettivi skont il-prijoritajiet li jagħżlu huma. Mezz li permezz tiegħu jagħti dan is-sostenn huwa l-programm imħaddem mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet Pubbliċi li qed terġa tpoġġi għad-disponibbiltà tal-Kunsilli Lokali miljuni ta' ewro biex ikunu investiti direttament fl-infrastruttura tal-lokalitajiet. Inżid li permezz ta' din l-inizjattiva, fejn kunsill jindika l-ħtieġa ta' bankina ġdida, (diment li ma toffrix sfidi ta' materji storiċi jew arkejoloġiċi) din tinbena b'tali mod li tassigura li kull bankina jew spazju għal pubbliku jkun aċċessibli għal kulħadd inkluż għal persuni bi sfidi ta' mobiltà.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-FOSS TAL-IMDINA – LIFT**

**1234. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid meta ser jerġa' jibda jiffunzjona l-lift li hemm fil-Foss tal-Imdina, wara li għal darb'oħra reġa' mhux qed jaħdem?

13/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-FOSS TAL-IMDINA – LIFT – SPEZZJONIJIET/MANUTENZJONI**

**1235. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kull meta saret spezzjoni u/jew manutenzjoni fil-lift tal-Foss tal-Imdina u l-ispejjeż li kienu involuti, matul dawn l-aħħar sentejn?

13/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KUNSILLI LOKALI – KAMPANJA TA' GĦARFIEN – SAĦĦA MENTALI**

**1236. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk bħalissa hemmx kampanja ta' għarfien dwar is-saħħa mentali attiva fi ħdan il-kunsilli lokali?

13/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tkun qed tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KUNSILLI LOKALI – IMPJEGATI – KORS TAL-MENTAL HEALTH FIRST AID**

**1237. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm impjegati tal-kunsilli lokali f'Malta u Għawdex għamlu l-kors tal-Mental Health First Aid?

13/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'kollox hemm 27 impjegat tal-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex li għamlu l-kors tal-Mental Health First Aid.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KUNSILLI LOKALI – ĦADDIEMA BI BŻONNIJIET SPEĊJALI**

**1238. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm kunsilli lokali li jimpjegaw persuni bi bżonnijiet speċjali u liema huma?

13/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u se tkun qed tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KAROZZI ELETTRIĊI – PARKEĠĠI RISERVATI**

**1239. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid b'kollox kemm hemm parkeġġi riservati għal karozzi elettriċi f'kull lokalità?

13/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant jikkjarifika l-mistoqsija tiegħu.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**KONSERVAZZJONI TAL-ILMA – INVESTIMENT**

**1253. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'kien l-investiment li sar fil-qasam tal-konservazzjoni tal-ilma matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

13/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Matul dawn l-aħħar ħames snin, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma kienet qiegħda tikkonkludi l-proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fondi ta' Koeżjoni dwar il-kampanja nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ilma. Bħala parti minn dan il-proġett tqassmu water saving kits lir-residenti fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex, kif ukoll proġetti pilota biex jiġu murija prattiċi differenti kif l-ilma jista' jiġi konservat u jintuża b'mod aktar sostenibbli. L-investiment li sar fil-proġett tal-kampanja nazzjonali dwar il-konservazzjoni tal-ilma kien ta' €704,023.45 (eskluża l-VAT) fis-sena 2021, €704,023.45 (eskluża l-VAT) fis-sena 2022, u €1,898,316.37 (esekluża l-VAT) fis-sena 2023.
Min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma hemm investiment kontinwu f'dak li jissejjaħ 'active leakage control' fejn ħsarat fis-sistema tal-ilma jiġu intraċċati fl-iqsar ħin possibbli u jissewwew immedjatament. Dan wassal biex meta mqabbel mal-2019, il-Korporazzjoni qed tiffranka mal-miljun metru kubu ta' ilma fis-sena.

Apparti hekk, kontinwament tara li fejn ikun hemm partijiet min-network li jkunu antiki u fi stat ħażin, dawn jinbidlu wkoll.
Il-Korporazzjoni tieħu ħsieb ukoll li timmonitorja kontinwament il-konsum tal-ilma tal-konsumaturi kollha, u fejn tinnota li hemm possibbiltà ta' leakage, tinforma lill-individwi konċernatli ħalli titrażżan il-ħela.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**INFRASTRUTTURA TAT-TISQIJA – PASSI MEĦUDA**

**1254. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'passi ttieħdu biex tittejjeb l-infrastruttura tat-tisqija, b'mod partikolari l-infrastruttura biex jintuża n-new water, matul dawn l-aħħar ħames snin?

13/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ppjanat, investiet u ħadmet bla heda matul l-aħħar ħames snin mhux biss biex twassal in-New Water f'żoni li kienu għadhom mhux milħuqa, imma wkoll biex is-sistema titħaddem bl-aktar mod effettiv u bl-iktar teknoloġija avvanzata. L-investiment u x-xogħol li sar kien jinkludi partikularment:

- Disinn mill-bidu, bini u operat ta' farm treatment plant fin-Nofsinhar ta' Malta biex il-kwalità tal-ilma trattat mid-drenaġġ tkun tista' tintuża għall-produzzjoni tan-New Water.
- Operat u manutenzjoni tal-impjanti tan-New Water li wassal għal żieda attwali fil-produzzjoni tan-New Water.
- Pjanar għal iktar produzzjoni fit-tliet żoni (Nofsinhar, Tramuntana u Għawdex).
- Estensjonijiet ta' network fit-tliet żoni, inkluż l-ikbar estensjoni li miż-Żejtun se twassal l-ilma saż-Żurrieq, Ħal Safi, Ħal Għaxaq, Birżebbuġa fost lokalitajiet oħrajn.
- Pjanar u installazzjoni ta' dispensers intelligenti biex ikun hemm tqassim iktar ġust.
- Installazzjoni ta' optic fibre biex tissapportja l-komunikazzjoni fiż-żoni kollha
- Installazzjoni ta' cables tal-elettriku biex ikun żgurat li ma jkunx hemm dipendenza biss fuq il-panelli solari.
- Ħidma mal-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u l-Provvista tal-Ikel biex jibda jiġi allokat New Water lill-bdiewa skont il-crop plan u mhux skont id-daqs tal-art biss.
- Proċessar ta' iżjed minn 1,200 applikazzjoni għal access card jew FOB u tiġdid regolari tagħhom.
- Manutenzjoni kontinwa fuq in-network u dispensers.
- Rinovar ta' ġibjuni ta' New Water fin-Nofsinhar ta' Malta u f'Għawdex.

Bis-saħħa tal-investiment li sar fl-aħħar snin, il-Koporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed tipproduċi 1.6 miljun metru kubu ta' New Water fis-sena li sa ftit ilu ma kienx jeżisti u li huwa vitali għall-bdiewa.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**BDIEWA/RAĦĦALA – GĦAJNUNA MILL-GVERN**

**1255. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kif il-Gvern qed jgħin lill-bdiewa u r-raħħala biex jaddattaw għal perjodi ta' nixfa li qed isiru dejjem aktar frekwenti?

13/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**PROVVISTA TAL-IKEL – EVALWAZZJONIJIET**

**1256. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'evalwazzjonijiet saru dwar is-sigurtà fil-provvista tal-ikel u dwar kemm il-pajjiż kapaċi jissodisfa d-domanda interna mingħajr importazzjoni (food security and self-sufficiency), matul dawn l-aħħar ħames snin?
13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li matul dawn l-aħħar ħames snin, il-Gvern kompla jevalwa b'mod kontinwu r-reżiljenza tal-katina tal-provvista tal-ikel u l-fatturi li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-ikel f'pajjiżna, b'mod partikolari fid-dawl tal-isfidi internazzjonali li seħħew f'dan il-perjodu.
Kif jirriżulta wkoll mit-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari Nru. 1257, il-provvista tal-ikel f'Malta tibqa' tiddependi kemm fuq il-produzzjoni lokali kif ukoll fuq l-importazzjoni. L-informazzjoni mogħtija f'dik it-tweġiba tagħti indikazzjoni ċara tas-sehem tal-produzzjoni lokali meta mqabbel mal-ikel importat, u tenfasizza l-importanza li nkomplu nsaħħu l-kapaċità produttiva tas-settur agrikolu u tas-sajd.
Il-Gvern huwa impenjat li jżomm u jsaħħaħ il-produzzjoni lokali tal-ikel sabiex jiġi żgurat provvista stabbli ta' prodotti friski u ta' kwalità għall-konsumaturi Maltin u Għawdxin kif ukoll it-turisti li jżuru gżiritna. Dan qed isir u ser ikompli jsir permezz tal-appoġġ finanzjarju kontinwu lis-setturi tal-agrikoltura u s-sajd, kif ukoll permezz ta' diversi inizjattivi u miżuri strateġiċi.
F'dan il-kuntest, il-programm elettorali tal-Gvern il-ġdid jenfasizza li s-sigurtà tal-ikel hija kruċjali għal gżira żgħira bħal Malta u li l-provvista tal-ikel tiddependi mill-appoġġ kontinwu lill-bdiewa, lir-raħħala u lis-sajjieda. Il-Gvern huwa wkoll impenjat li jkompli jagħti valur lill-prodotti lokali u jsaħħaħ il-valur miżjud tas-settur tal-ikel Malti.
Barra minn hekk, fost il-miżuri previsti hemm it-tfassil ta' pjan nazzjonali ta' riskju u kontinġenza għall-katina tal-provvista tal-ikel, li jinkludi miżuri għat-tisħiħ ta' riservi strateġiċi u l-identifikazzjoni ta' arranġamenti alternattivi għat-trasport tal-ikel sabiex il-provvista tkun assigurata f'kull ċirkostanza. Dawn il-miżuri huma maħsuba biex ikomplu jsaħħu r-reżiljenza tas-settur u jtejbu s-sigurtà tal-ikel f'pajjiżna.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**PRODOTTI AGRIKOLI – PRODUZZJONI LOKALI**

**1257. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-persentaġġ tad-domanda interna ta' prodotti agrikoli li huwa milħuq bil-produzzjoni lokali?
13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tabella li ġejja, li tinkludi l-produzzjoni agrikola lokali u dawk impurtati, mill-2022 sal-2025, skont data miġbura mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. Għandu jiġi nnutat li l-frott u l-ħaxix jinkludu stima tal-bejgħ dirett u tal-konsum proprju. Jinkludu wkoll it-tadam għall-ipproċessar, l-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid u stima tal-patata mkabbra għall-esportazzjoni. Il-laħam jinkludi l-piż tal-karkassa tal-baqar u tal-majjali. Id-data tal-importazzjoni hija bbażata fuq id-dikjarazzjonijiet magħmula min-negozjanti.

| **Prodotti Agrikoli - Lokali u Importati (Kgs)** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** |
| Frott u Ħaxix | 59,890,963 | 61,650,793 | 58,226,447 | 59,826,085 |
| Laħam | 9,714,631 | 9,802,390 | 10,226,800 | 10,387,411 |
| Bajd | 5,587,163 | 5,363,676 | 5,553,837 | 5,626,529 |
| Ħalib | 38,974,466 | 37,077,786 | 38,155,562 | 36,707,934 |
| Total: Produzzjoni ***lokali*** | 114,167,223 | 113,894,645 | 112,162,646 | 112,547,959 |
| | | | | |
| Ammont globali ta' prodotti agrikoli ***importati*** | 89,339,563 | 100,253,735 | 114,748,903 | 122,047,400 |

Seduta Numru 13
20/07/2026

**BDIEWA/RAĦĦALA – SKEMI TAL-GVERN**

**1258. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-bdiewa u r-raħħala li gawdew minn skemi tal-Gvern matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll minn fejn kienu (fejn kienet ir-raba') u kemm kienet il-valur tal-għajnuna?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-benefiċjarji tal-fondi taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal- Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), skont ir-rekwiżiti applikabbli tal-Unjoni Ewropea.

Informazzjoni dwar benefiċjarji ta' għajnuna mill-Istat li jaqbżu ċerti limiti stabbiliti tiġi ppubblikata mill-iState Aid Monitoring Board (SAMB), ukoll f'konformita' mar-regolamenti rilevanti tal-UE.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**POLITIKA NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ – REVIŻJONI**

**1288. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għad-dokument tal-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ, li ġie ppubblikat fl-2021, jista' l-Ministru jgħid jekk l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan id-dokument li kellha ssir fl-2025/26, "biex tiżgura li tibqa' rilevanti għall-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ", għadhiex ppjanata li ssir u jekk iva, meta se tiġi ppubblikata?

13/07/2026

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Ninforma lil Onor. Interpellanta li l-proċess tal-mid term review ser jitwettaq hekk kif mitlub mill-istess Politika Nazzjonali għaż-Żgħażagħ

Seduta Numru 13
20/07/2026

**PERSUNI TA' ĊITTADINANZA MALTIJA - IMWIET**

**1289. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm mietu persuni ta' ċittadinanza Maltija f'Malta u f'Għawdex mis-sena 2013 sal-aħħar ta' Ġunju 2026, maqsuma sena b'sena?

13/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**TRABI TA' ĊITTADINANZA MALTIJA - TWELID**

**1290. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm twieldu trabi ta' ċittadinanza Maltija f'Malta u Għawdex mis-sena 2013 sal-aħħar ta' Ġunju 2026, maqsuma sena b'sena?

13/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**ĊITTADINANZI MALTIN**

**1291. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċittadinanza Maltija ngħatat mis-sena 2013 sa Ġunju 2026, maqsuma sena b'sena?

13/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**GĦAWDEX - RABAT/MARSALFORN - TRIQ MARSALFORN - XOGĦLIJIET**

**1292. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta se titlesta Triq Marsalforn li mir-Rabat twasslek sa Marsalforn, f'Għawdex u f'liema stat waslet bħalissa?

13/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel referenza għall-mistoqsija parlamentari numru 255.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**GĦAWDEX - ŻEBBUĠ - GĦAJN MHELHEL**

**1293. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta se titranġa jew tinbena mill-ġdid il-parti li ċediet fi Triq Għajn Mhelhel, fiż-Żebbuġ, Għawdex u kemm se tiġi tiswa?

13/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li x-xogħlijiet fuq il-parti msemmija ta' Triq Għajn Mhelhel mistennija jibdew hekk kif Triq Marsalforn tinfetaħ għat-traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**BIRŻEBBUĠA – TREJQA QRIB ID-DAR TA' PULTU – KONKOS**

**1428. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 671, jista' l-Ministru jgħid jekk is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali approvatx li jingħata l-konkos fi trejqa qrib id-Dar ta' Pultu fil-limiti ta' Birżebbuġa? F'każ li dan ma ġiex approvat, jista' jgħid x'azzjoni ser tittieħed u sa meta?

14/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ġejt infurmat li s-Sovrintendenza tal-Partrimonju Kulturali ma irċeviet l-ebda talba f'dan ir-rigward.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**BIRŻEBBUĠA – TREJQA QRIB ID-DAR TA’ PULTU – KONKOS**

**1429. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 449, tista' l-Ministru tgħid jekk l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) approvatx li jingħata l-konkos fi trejqa qrib id-Dar ta' Pultu fil-limiti ta' Birżebbuġa? F'każ li dan ma ġiex approvat, tista’ tgħid x'azzjoni ser tittieħed u sa meta?

14/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-permessi għar-resurfacing tat-toroq ma jinħarġux mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). L-ERA hija biss waħda mill-entitajiet li jiġu konsultati.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**BIRŻEBBUĠA - TRIQ IL-BAJJA S-SABIĦA - BANKINA ĠDIDA**

**1430. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm ilmenti dwar id-disinn u/jew dwar ix-xogħlijiet u/jew dwar il-kwalità tal-bankina l-ġdida li saret fi Triq il-Bajja s-Sabiħa f'Birżebbuġa? Jista' jgħid ukoll x'azzjoni ser tittieħed u sa meta?

14/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 673.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MALTA U GĦAWDEX – XIRI TA’ PROPRJETÀ**

**1431. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il proprjetà f'Malta u f'Għawdex inxtrat minn persuni li ma kenux ċittadini Maltin fil-mument li sar il-kuntratt matul l-2024?

14/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**STRUTTURI ILLEGALI – SENA 2025**

**1432. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' strutturi li għalkemm tħallset il-multa massima, kienu għadhom illegali, irregolari jew mhux sanzjonati sal-aħħar tas-sena 2025?

14/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-każijiet ta’ strutturi li għalkemm tħallset il-multa massima, kienu għadhom illegali, irregolari jew mhux sanzjonati sal-aħħar tas-sena 2025, kienu erbgħa. Din l-informazzjoni nġabret mis-sistema informatika tal-Awtorità tal-Ippjanar.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**ARTIJIET MEĦUDA MILL-GVERN - KUMPENS**

**1433. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista li turi l-area, il-valur ta' kumpens dovut u l-lokalità tal-artijiet li ġew meħuda mill-Gvern mill-1990 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u li għadhom ma ġewx ikkumpensati b'mod sħiħ? Għal kull każ, jista' jagħti d-data meta ser jingħata l-kumpens dovut u l-ammont tal-kumpens?

14/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li data ta' dan it-tip ma tistax tingħata għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-informazzjoni. Minbarra dan, fil-maġġoranza tal-każi, il-valur ta' tali kumpens jiġi stabbilit fiż-żmien li jkun se jsir il-ħlas, għax ikun skont deċiżjoni tal-Qorti jew għax ikun marbut ma' akkwisti li jkun neċessarju li jingħalqu bil-ħlas u b'kuntratt ta'xiri.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - MIŻURI KONTRA SĦANA EĊĊESSIVA**

**1434. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri konkreti ttieħdu biex titnaqqas is-sħana eċċessiva fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minn Lulju 2024 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
Jista' jgħid ukoll:
i. liema xogħlijiet saru jew liema sistemi ta' ventilazzjoni, tkessiħ jew kontroll tat-temperatura ġew installati;
ii. f'liema diviżjonijiet jew partijiet tal-Faċilità saru dawn l-interventi; u
iii. jekk hemmx aktar xogħlijiet ippjanati u jekk iva, x'inhuma u x'inhi d-data prevista għat-tlestija tagħhom?

14/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat, li fil-preżent, uħud mid-diviżjonijiet (CORRS u oħrajn meqjusin żgħar) huma mgħammra ventilazzjoni adeguata u bħalissa għaddej xogħol sabiex ikunu nstallati sistemi simili fil-kumplament tal-ħabs. L-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi qiegħda tinvesti f'sistema li tgħin fil-kontroll tat-temperatura fiċ-ċellel sabiex timmitiga kemm għas-sħana tas-Sajf kif ukoll il-kesħa tax-xitwa. Tajjeb illi wieħed jieħu konsiderazzjoni tal-fatt li l-binja hija waħda antika, għandha 'l fuq minn 100 sena u dan jimponi diffikultajiet fl-installazzjoni.
Fost ix-xogħol li sar s'issa, nsibu tibdil ta' katusi li ser iwasslu l-arja kkontrollata ġewwa ċ-ċellel fejn inbidlu għal PVC. Biex din is-sistema tkun tista titħaddem, għaddew cables ġodda tad-dawl fejn anke saret modifikazzjoni fid-distribuzzjoni tal-elettriku. Beda wkoll ix-xogħol fuq l-installazzjoni tas-sistema fejn bħalissa x-xogħol fuq Diviżjonijiet 2 u 3 wasal fl-aħħar fażi tiegħu u hemm il-pjan li għal-aħħar ta' Lulju, dawn iż-żewġ diviżjonijiet ikollom is-sistema taħdem.
Ix-xogħol fuq Diviżjonijiet 1 u 4 diġa beda u huwa pprogrammat li jitlesta sal-aħħar t'Awwissu. Sussegwentament, jitkompla x-xogħol fid-diviżjonijiet l-oħra kollha fejn huwa stmatt li għandu jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena.
Inżid illi sa ma titlesta s-sistema kollha, l-Aġenzija ħadet prekawzjonijiet fejn fosthom iċ-ċellel qed jibqgħu miftuħin matul il-ġurnata kollha, disponibbilita ta' fannijiet, ġew installati sistemi ta' reverse osmosis sabiex persuna tkun tista tixrob ilma kemm trid u disponibbilita ta' fridges u freezers ġewwa kull diviżjoni. Barra minn hekk, qed isir monitoraġġ kontinwu ta' persuni vulnerabbli.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-BELT VALLETTA – TA' LIESSE – TERMINAL TAL-PASSIĠĠIERI – XOGĦLIJIET**

**1448. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 187, 552 u 972 u jgħid meta hu maħsub li jitlesta x-xogħol fuq it-terminal tal-passiġġieri tal-fast ferry li hemm f'Ta' Liesse fil-Belt, Valletta, wara l-ħsarat li ġarrab fil-maltempata ta' Jannar 2026? Jista' jgħid ukoll:
(i) liema xogħlijiet fadal isiru sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari;
(ii) meta huwa ppjanat li jitlestew dawn ix-xogħlijiet; u
(iii) kemm hu stmat b'kollox li ser jiġi jiswa dan ix-xogħol kollu wara l-ħsarat li ġarrab dan it-terminal?

14/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, wara li t-terminal ġie devastat kawża tal-maltempata Harry f'Jannar li għadda, saru xogħlijiet estensivi fejn prattikament kellu kważi jinbena mill-ġdid it-terminal. Fil-fatt, l-unika parti li baqgħet intatta kienet l-istruttura tal-ġebel.
Ix-xogħlijiet issa waslu fl-aħħar fażi tagħhom u huma ta' natura aċċessorja, jiġifieri l-kunsinna u t-tqegħid tas-siġġijiet permanenti u l-installazzjoni tat-*ticketing booth*. Sadanittant, it-terminal huwa operattiv u qed joffri s-servizzi tiegħu b'mod normali. Ringrazzjament għandu jmur lil dawk kollha li ħadmu sabiex, fi ftit xhur, it-terminal seta' jerġa' jibda jopera kif suppost.
L-ispiża tax-xogħlijiet ġiet stmata għal €183,501.03 (eskluża l-VAT), li tinkludi, fost oħrajn: xogħlijiet estensivi ta' tiswija u restawr tal-faċċata esterna; sostituzzjoni u tiswija tal-madum mal-ħitan; installazzjoni ta' sistema ġdida tad-dawl; xogħlijiet ta' tikħil u żebgħa ġodda; tiswijiet estensivi fil-faċilitajiet sanitarji; tiswija u restawr tas-sistema tal-pompi tad-drenaġġ; tiswija u sostituzzjoni ta' pajpijiet tal-ilma; tiswijiet tal-gradi esterni; installazzjoni tat-*ticketing booth*; provvista u installazzjoni tas-siġġijiet fiż-żona tal-istennija; u xogħlijiet relatati mal-faċilitajiet għall-impjegati u faċilitajiet oħra meħtieġa għall-operat tat-terminal.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**MARSASKALA - TAL-FAJTATA - PARKEĠĠ - XOGĦLIJIET**

**1449. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 984 u ċjoè: B'referenza għax-xogħol imwettaq minn Infrastructure Malta fil-parkeġġ tal-Fajtata, f'Marsaskala, li pjanta dwarha qed tingħata separatament, jista' l-Ministru jagħti dettalji f'tabella dwar liema żona/art ġiet esproprjata, meta nbeda u ġie tterminat l-proċess, u d-data ta' liema Gazzetta tal-Gvern ħarġet it-talba?

14/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fuq l-art inkwistjoni ma sar l-ebda espropju.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**GĦAQDIET, FEDERAZZJONIJIET, ASSOĊJAZZJONIJIET U KLABBS SPORTIVI - FONDI ALLOKATI**

**1452. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1136 u jgħid kemm kienu l-fondi allokati mill-Gvern, minn SportMalta jew minn kwalunkwe entità pubblika oħra lill-għaqdiet, federazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u klabbs sportivi matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, lista dettaljata ta' kull għaqda, federazzjoni, assoċjazzjoni jew klabb sportiv li rċieva finanzjament matul dawn is-snin, filwaqt li għal kull wieħed jindika:
a. l-isem tal-entità;
b. l-ammont mogħti;
ċ. id-data tal-ħlas;
d. l-iskema jew il-programm li taħtu ngħata l-finanzjament; u
e. l-iskop li għalih ingħata l-finanzjament?
Jista' jgħid ukoll:

i. jekk kienx hemm applikazzjonijiet għal finanzjament li ġew miċħuda jew approvati biss parzjalment matul l-istess perjodu u, jekk iva, jippreżenta lista tagħhom flimkien mar-raġunijiet għaliex ma ġewx approvati fl-intier tagħhom;
ii. xi kriterji jintużaw sabiex jiġu evalwati u approvati dawn l-applikazzjonijiet għal finanzjament; u
iii. kemm kien l-ammont totali allokat għall-finanzjament tal-għaqdiet, federazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u klabbs sportivi għal kull waħda mis-snin imsemmija?

14/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni ser tkun provduta f'seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**FAĊILITAJIET SPORTIVI**

**1453. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1137 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-faċilitajiet sportivi kollha li jinsabu fi skejjel tal-Gvern, maqsuma skont il-kulleġġ u l-iskola rispettiva u għal kull skola, jindika:
i. x'tip ta' faċilitajiet sportivi hemm (grawnds, gyms, courts, pixxini, tracks, eċċ.);
ii. is-sena li fiha nbnew jew saru l-aħħar xogħlijiet ta' manutenzjoni jew tisbiħ sostanzjali; u
iii. l-kundizzjoni attwali tagħhom?

14/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Qed inpoġġi l-informazzjoni fuq il-mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SOCIAL CLIMATE FUND – PJAN NAZZJONALI**

**1454. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjan nazzjonali tal-Gvern iffinalizzat, wara l-konsultazzjoni pubblika, ta' kif qed jippjana li jintużaw il-fondi Ewropej tas-Social Climate Fund allokati għal Malta?

14/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SOCIAL CLIMATE FUND – EVALWAZZJONI**

**1455. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proċess tal-evalwazzjoni tal-pjan nazzjonali tal-Gvern għall-użu tal-fondi Ewropej tas-Social Climate Fund mill-Kummissjoni Ewropea?

14/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SOCIAL CLIMATE FUNDS – SEJĦIET GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET**

**1456. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu l-pjan u l-iskeda ta' meta ser jibdew joħorġu s-sejħiet għall-applikazzjonijiet tas-social climate funds u liema setturi ser jikkonċernaw?

14/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IVF – PROĊESSI LI SARU BARRA MINN MALTA**

**1457. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru proċessi ta' IVF barra minn Malta għal kull sena, matul il-perjodu bejn l-2013 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat li n-numru ta' proċeduri tal-IVF li saru barra minn Malta u li ngħataw rimbors permess tal-cross-border healthcare directive kien bħal ma jidher fit-tabella li tinsab hawn taħt. Ta' min jinnota li din l-informazzjoni hi ibbażata fuq dawk il-proċeduri li kienu approvati u li ngħataw rimbors fis-sena li tidher hawn taħt.

| Sena | Numru ta' Pro ċ eduri tal-IVF li ngħataw Rimbors permess tal-Cross border Healthcare Directive |
|---|---|
| 2013 | 0 |
| 2014 | 0 |
| 2015 | 0 |
| 2016 | 0 |
| 2017 | 0 |
| 2018 | 0 |
| 2019 | 0 |
| 2020 | 0 |
| 2021 | 3 |
| 2022 | 0 |
| 2023 | 2 |
| 2024 | 10 |
| 2025 | 13 |
| 2026 | 13 |
| Total | 41 |

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IVF – PROĊESSI**

**1458. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru proċessi ta' IVF f'Malta u kemm saru barra minn Malta, matul il-perjodu bejn l-2013 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġibiet tal-Mistoqsijiet Parlamentari numri 562 u 1457 ta' din il-Leġislatura, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kemm saru proċessi ta' IVF f'Malta u barra minn Malta rispettivament.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IVF – PROĊESSI LI JSIRU BARRA MINN MALTA – GĦAJNUNA MILL-GVERN**

**1459. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'tip ta' għajnuna joffri l-Gvern lill-persuni jew koppji li jkollhom bżonn imorru barra minn Malta biex jagħmlu l-proċess tal-IVF?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali (cross-border healthcare directive) 2011/24/UE tippermetti liċ-ċittadini Ewropej biex jaċċessaw kura tas-saħħa lil hinn mill-fruntieri u jingħataw rimbors f'pajjiżhom. Il-proċess tal-IVF f'pajjiż ieħor huwa fost is-servizzi li wieħed jista' jagħmel użu minnhom permezz tad-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali. L-IVF permezz tad-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali huwa soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel u jsir f'konformita' mal-liġijiet dwar l-IVF applikabbli f'Malta.
Barra minn hekk, b'effett mill-1 ta' Jannar 2023, ma għadhiex meħtieġa approvazzjoni minn qabel għar-rimbors ta' prodotti mediċinali preskritti bħala parti mit-trattament tal-IVF. Din l-iskema tapplika għal koppji jew persuni li jkunu qegħdin jagħmlu trattament tal-IVF f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit, f'konformita' mal-liġijiet dwar l-IVF applikabbli f'Malta.
Seduta Numru 13
20/07/2026

**OPERAZZJONIJIET TA' TOTAL KNEE REPLACEMENT**

**1460. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru operazzjonijiet ta' total knee replacement fis-servizz tas-saħħa pubbliku, mill-2021 sal-aktar data reċenti disponibbli, maqsuma sena b'sena, u jqiegħed din l-informazzjoni f'tabella li tippermetti tqabbil bejn is-snin?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat li n-numru ta' operazzjonijiet ta' total knee replacement fl-isptarijiet pubbliċi ta' Malta u Għawdex mill-2021 sal-2025 huwa kif jidher hawn taħt:

| Sena | Total Knee Replacement |
|---|---|
| 2021 | 386 |
| 2022 | 497 |
| 2023 | 611 |
| 2024 | 638 |
| 2025 | 712 |

Seduta Numru 13
20/07/2026

**OPERAZZJONIJIET TA' TOTAL KNEE REPLACEMENT**

**1461. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru operazzjonijiet ta' total knee replacement fl-Isptar Mater Dei u kemm saru operazzjonijiet ta' total knee replacement fi sptarijiet privati permezz ta' skemi jew kuntratti tal-Gvern mill-2021 sal-aktar data reċenti disponibbli, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat li n-numru ta' operazzjonijiet ta' total knee replacement fi sptarijiet privati permezz ta' skemi jew kuntratti tal-Gvern mill-2021 sal-2025 huwa kif jidher hawn taħt:

| Sena | Total Knee Replacement |
|---|---|
| 2021 | 2 |
| 2022 | 13 |
| 2023 | 4 |
| 2024 | 110 |
| 2025 | 677 |

Seduta Numru 13
20/07/2026

**OPERAZZJONIJIET TA' TOTAL KNEE REPLACEMENT – KONSULENTI ORTOPEDIĊI**

**1462. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid min huma l-konsulenti ortopediċi li bħalissa qed iwettqu operazzjonijiet ta' total knee replacement fis-servizz pubbliku?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat li fl-isptarijiet ta' Malta u Għawdex hemm b'kollox 18 -il konsulent ortopediku li jagħmlu operazzjonijiet ta' total knee replacement.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR U L-MELLIEĦA – BYPASS – ROTOT ALTERNATTIVI**

**1475. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 993 dwar x'xogħlijiet, studji jew pjanijiet saru s'issa dwar rotot alternattivi mill-bypass ta' San Pawl il-Baħar lejn il-Mellieħa, fejn ġie mwieġeb li "bħalissa, Infrastructure Malta qiegħda tivvaluta numru ta' proposti.", jista' l-Ministru jgħid x'inhuma dawn il-proposti u xi studju sar fuqhom?

14/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta u l-Ministeru ser ikunu qed jagħtu aktar dettalji fil-mument opportun.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-MELLIEĦA – LIBRERIJA PUBBLIKA – ARRANĠAMENTI ALTERNATTIVI**

**1476. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 486 u 992 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport u lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali u tgħid x'arranġamenti alternattivi ser jingħataw lill-istudenti u lir-residenti tal-Mellieħa wara l-għeluq tal-librerija pubblika fil-Mellieħa? Tista' tgħid ukoll meta dawn l-arranġamenti ser jidħlu fis-seħħ?

14/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li għad ma nstabx lok alternattiv u ċentrali biżżejjed minn fejn tkun tista' topera l-librerija u li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali offriet li tassisti biex jekk il-Kunsill jidentifika post, ikun jista' jingħata s-sapport.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI JAĦDMU B'MOD REMOT**

**1477. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 489 u 995 u jgħid kemm hemm ħaddiema fis-Servizz Pubbliku u s-Settur Pubbliku li, skont in-natura tax-xogħol tagħhom, jistgħu jaħdmu b'mod remot, u kemm minnhom diġà qegħdin jaħdmu b'mod remot? Jista' jgħid ukoll jekk dan ix-xogħol remot isirx fuq bażi full-time, part-time jew hybrid?

14/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IL-MARSA - ARTS AND CULTURE HUB**

**1663. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Arts and Culture Hub fil-Marsa huwiex mistenni li jitlesta sal-2030? Jista' wkoll:
i. jgħid kemm hu stmat li se jiswa l-proġett;
ii. jgħid jekk huwiex previst li jinġiebu fondi Ewropej addizzjonali sabiex jitwettaq il-proġett kollu wara l-finanzjament Ewropew allokat għall-ewwel fażi tal-proġett;
iii. iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti tal-proġett; u
iv. jgħid min huma l-periti jew id-ditta ta' periti li qed jaħdmu fuq dan il-proġett, jew li diġà ħadmu, jew ser ikomplu jaħdmu fuqu?

15/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ġejt infurmat li dan il-proġett huwa stamt li jiswa €63 miljun u l-fondi Ewropej allokati sal-lum jammontaw għal €15-il miljun. Il-pjanti tal-proġett ma jistgħux jiġu ppreżentati peress li ħa jkunu parti mit-tender ta' konstruzzjoni tal-proġett li għandu joħroġ fil-jiem li ġejjin.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**QORTI TAL-FAMILJA - DEĊIŻJONIJIET**

**1684. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru, għal kull waħda mill-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena, jgħid:
a) kemm-il każ u kemm-il tifel u tifla kienu suġġetti għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Familja li ordnat sospensjoni totali tal-aċċess ta' wieħed mill-ġenituri, aċċess sorveljat, aċċess monitorjat jew ordni ta' ebda kuntatt ("no contact");
b) kemm minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw permezz ta' digriet proviżorju u kemm permezz ta' sentenza finali;
ċ) kemm minn dawn il-każijiet wasslu sabiex l-aċċess reġa' ġie stabbilit, kemm għadhom pendenti u kemm spiċċaw f'sospensjoni permanenti jew għal żmien indeterminat;
d) kemm kien hemm tfal li baqgħu mingħajr kuntatt ma' wieħed mill-ġenituri tagħhom għal aktar minn sena, sentejn, tliet snin, ħames snin u għaxar snin; u
e) x'inhu t-tul medju ta' dawn is-sospensjonijiet?

16/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**QORTI TAL-FAMILJA - KAWŻI DWAR KURA, KUSTODJA U AĊĊESS**

**1685. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru, għal kull waħda mill-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena, jgħid:
a) kemm-il kawża dwar kura, kustodja u aċċess ġew ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Familja;
b) kemm ġew deċiżi;
ċ) kemm għadhom pendenti;
d) kemm damu bħala medja sabiex ġew deċiżi;
e) kemm-il talba sabiex jerġa' jingħata l-aċċess ġiet ippreżentata, kemm intlaqgħu, kemm ġew miċħuda u kemm għadhom pendenti; u
f) kemm-il assessjar psikoloġiku, psikjatriku jew multidixxiplinari ġie ordnat mill-Qorti u kemm-il darba r-rakkomandazzjonijiet tal-esperti ġew segwiti jew ma ġewx segwiti mill-Qorti?

16/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**SUPERVISED ACCESS UNIT - KAŻIJIET**

**1686. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru, għal kull waħda mill-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena, jgħid:
a) kemm-il każ ġie riferut lis-Supervised Access Unit;
b) kemm-il każ ġie konkluż;
ċ) kemm-il tifel u tifla kienu involuti;
d) kemm kien hemm każijiet fuq waiting list;
e) x'kien il-ħin medju ta' stennija sabiex jibda s-servizz;
f) kemm kien hemm social workers, psikologi, supervisors u professjonisti oħra impjegati fis-servizz, skont il-professjoni tagħhom; u
g) x'kien ir-ratio ta' każijiet għal kull professjonist?

16/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onorevoli interpellant, li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**QORTI TAL-FAMILJA - ESPERTI**

**1687. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-esperti kollha li matul l-aħħar għaxar snin servew jew għadhom iservu lill-Qorti tal-Familja u, għal kull wieħed minnhom, jindika l-professjoni, il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, il-warrant jew ir-reġistrazzjoni professjonali fejn applikabbli, l-ispeċjalizzazzjoni, is-sena tal-ħatra, kemm-il darba ġie maħtur f'kull waħda mill-aħħar għaxar snin, l-ammont imħallas lilu kull sena, jekk sarux ilmenti jew proċeduri dixxiplinarji kontrih u l-eżitu tagħhom, kif ukoll jekk għadux jagħmel parti mir-reġistru tal-esperti tal-Qrati? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kriterji u l-proċedura għall-għażla tagħhom, il-kodiċi ta' etika, il-linji gwida jew protokolli li jirregolaw il-ħidma tagħhom, il-proċeduri dwar kunflitti ta' interess, il-metodu ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom, ir-rekwiżiti ta' taħriġ kontinwu u, jekk teżisti, is-sistema ta' rotazzjoni jew allokazzjoni tal-esperti?

16/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**TFAL LI HUMA MĊAĦĦDA MILL-KUNTATT MA' WIEĦED MILL-ĠENITURI TAGĦHOM**

**1688. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull statistika li għandha l-Qorti tal-Familja, il-Ministeru jew kwalunkwe entità pubblika oħra relatata ma' tfal li huma mċaħħda mill-kuntatt ma' wieħed mill-ġenituri tagħhom, mas-sistema tal-aċċess, mas-Supervised Access Unit u mal-esperti tal-Qorti tal-Familja, u jindika jekk il-Gvern għandux il-ħsieb li jwettaq riforma ta' dawn is-servizzi, inkluż l-introduzzjoni ta' standards minimi ta' kwalifika u speċjalizzazzjoni għall-esperti, sistemi ta' evalwazzjoni u ta' accountability, limiti ta' żmien għall-proċeduri u reviżjoni perjodika obbligatorja tad-digrieti li jissospendu l-aċċess bejn ġenitur u wliedu?

16/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onorevoli interpellant, li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**ĦAL QORMI/Ħ'ATTARD - TREJQA WIED IS-SEWDA - DIŻLIVELLAR**

**1710. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 990 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jara li jsir xi tip ta' lqugħ tul it-triq pubblika bejn it-triq u l-wied fi Trejqa Wied is-Sewda, bejn Ħal Qormi u Ħ'Attard (ritratti annessi), minħabba periklu ta' diżlivell għal min ikun għaddej f'dik iż-żona?

16/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**PERSUNI IMPJEGATI F'MALTA**

**1711. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijet parlamentari 836 u 1044 u jgħid kemm-il persuna hija impjegata f'Malta sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bejn ċittadini Maltin, ċittadini tal-Unjoni Ewropea u ċittadini ta' pajjiżi terzi?

16/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li sal-aħħar ta` Jannar 2026 kien hemm 341,193 persuna jaħdmu f`Malta u Għawdex fuq bażi full-time u part-time bħala impjieg ewlieni tagħhom.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**INFRASTRUCTURE MALTA – PROĠETTI**

**1712. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1130 u ċjoè; B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 840, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija għal kull proġett li għaddej bħalissa minn Infrastructure Malta, u ċjoè; sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant bil-lista ta' toroq li bħalissa għaddej xogħol fihom:
Triq Ħal Tarxien Sqaq Nru. 3, Żejtun; Triq il-Qaws, phase 2, Dingli; P/O Triq Dun Gużepp Calleja u P/O Triq San Franġisk u P/O Triq Marjanu Gerada, Tarxien; P/O Triq Misraħ Suffara, Rabat; Triq Lampat, Sta Luċija; Resurfacing works within Attard, Birkirkara & parts of Central Business District, Imrieħel; P/O Triq Dun Ġużepp Calleja u P/O Triq San Franġisk u P/O Triq Marjanu Gerada, Tarxien; Xoghol ta' pavimentar, Mdina; Xoghol fi substation at SVPR, Ħal Luqa; Xogħol ta' pavimentar f' Valletta (MFT), Valletta; Triq Ball u Triq Paceville, San Ġiljan; P/O Vjal l-Istadium Nazzjonali, Ta' Qali, Attard; Xogħol f'toroq rurali, Naxxar; Sqaq fi Triq Għallis, Naxxar; Triq Wied is-Sewda, Żebbug; Triq il-Madonna ta' Lourdes, Birżebbuga; Trejqet Widnet il-Baħar, Żejtun; Sqaq il-Merħla, Żejtun; Triq Francis Falzon, Żurrieq; Triq Sant' Anna, Floriana; Triq il-Panoramika, Siġġiewi; Triq Ħal Tarxien, Gudja u P/O Dawret il-Gudja, Gudja; Sqaq fi Trejqet il-Paċi, Żurrieq; Sqaq fi Triq Massabielle, Qrendi; P/O Triq il-Wied, Żurrieq; Triq l-Isqof Scicluna u Triq il-Wied, Qormi; Triq ix-Xagħri Mqalleb, Mqabba; Triq Wied Ganu, Żurrieq; Sqaq fi Triq Wied iż-Żurrieq, Żurrieq; Triq iċ-Ċimiterju, Għaxaq; Ta' Qasam Barrani il-Mofra, Mellieħa; Sqaq fi Triq il-Fortizza Nru. 1, Birżebbuga; parking area over garages complex P/O Binja Qlejjgha, Triq ir-Reġimenti Maltin, Imtarfa; Triq ir-Rabat, Dingli; Triq il-Blajjiet, Marsaskala; Msida Creek Project, Msida; Triq Nikola Saure, Rabat; Fire Station building at Ecohive complex, Magħtab, Naxxar; Vjal Kulħadd, Floriana; Ġnien Paul Boffa, Paola; Triq Ġilormu Dingli, Rabat; Xatt iċ-Ċangatura u Triq Emvin Cremona, Floriana; Pjazza Tarxien, Tarxien; CSAM - Pieta works; Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi; SCM Smart City - ring road, Kalkara; HDPE ducts at Military Chapel Mellieħa, Mellieħa; Triq Oscar Zammit, Msida; Triq John Adye, Naxxar; Triq il-Forn u Sqaq numru 1 in Triq il-Kunċizzjoni, Lija; Triq Antonio Schembri, San Ġwann; Triq Sir Anthony Mamo, San Ġwann; Triq Rgħajja, Rabat; Triq ta' Bur il-Kbir, Siġġiewi; Triq il-Freżja, Santa Luċija; Triq Nestu Laiviera, Birgu; Triq Mile End, Ħamrun; Triq Schembri, Ħamrun; Triq il-Ħarrub u P/O Triq is-Soll, Santa Venera; Triq iċ-Ċikwejra, Santa Luċija; P/O Triq l-Isqof F. Mattei, Triq Dun Bert Sant, Żejtun; Triq Dun A. Camilleri, Triq Megino u P/O Triq Psaila, Żejtun; P/O Triq Petunja, P/O Triq it-Tulipan c/w Triq Żinja, Santa Luċija; Triq Maria De Domenicis, Santa Luċija; Triq Qerd in-Naħal u Triq San Tumas, Safi; Triq Santa Katerina u Triq San Dwardu, Rabat; P/O Triq Giuseppe Stivala, P/O it-Telgha tal-Għaqba, P/O Triq Leli Falzon, Triq il-Forga, Naxxar; Trejqet il-Kjeriku Ġakbu Abela u Sqaq ta' Sejduna, Lija; Triq Lia u P/O Triq Lia, Żabbar; Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan; Triq il-Għajn, Swieqi; Triq il-Ktajjen, Swieqi; Triq Fra Gammari Zammit, Triq it-Torri u Triq is-16 ta' Lulju, Żurrieq; P/O Triq il-Linja,

Attard; Triq Ta' Gidwet, Marsascala; Saqqajja, Rabat; Triq AM Valperga, Fgura; Triq Birżebbuga, Ħal Far; Ħal Far Motor Sport - Go karting Track and Paddock, Birżebbuga; Triq is-Sardin, Burmarrad; P/O Triq San Ġwanni Pawlu II, Burmarrad; Triq l-Arcipriet E. Mifsud, Żurrieq; Triq Gistakor, Għaxaq; Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk; Road formation and ancillary works in Ħal Far icw new emergency road for CPD access, Birżebbuga; Triq S. Cannataci, Swieqi; Triq il-Lampuka, Paola; Triq il-Baħħara, Triq Xerrik, Triq Luzzu u Triq San Piju V, Marsaxlokk; Triq Karmenu Vassallo, Iklin; Triq Clarence, Paola; Triq Sunny Aquilina, Bormla; Triq Carmelo Mifsud Bonnici, Bormla; Sqaq Baggi, Żejtun; Triq Nestu Laiviera, Birgu; P/O Triq Dun Nerik Mahoney u P/O Triq it-Tabib Gregorio Mifsud, Qrendi; Triq Huttafa, Fgura; Sqaq fi Triq Ħal Tarxien, Gudja; Triq l-Għasel, Mosta; Triq il-Masġar, Qormi (Mrieħel); P/O Triq Naggar u Triq l-Għassara, Mosta; Embellishment Works at Mtarfa Depiro Grounds - Including Paving Works for Project Green, & Replacement of Existing Potable Mains for WSC, Imtarfa; Sqaqien Patrijiet, Zondadari, Repubblika, Rabat; Triq il-Kbira (Sqaq numru 4), Żabbar; DSA Detention Services Agency - construction of offices, Ħal Safi; SVPR - St Vincent de Paule, Ħal Luqa.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IS-SWIEQI, SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – RAPPORTI RELATATI MA’ STORBJU, DIŻORDNI U IMĠIBA ANTISOĊJALI**

**1751. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet relatati ma' storbju eċċessiv, imġiba antisoċjali, ġlied jew diżordni fiż-żoni residenzjali tas-Swieqi, San Ġiljan u Tas-Sliema matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid ukoll kemm minn dawn ir-rapporti wasslu għal prosekuzzjonijiet jew għal xi forma ta’ azzjoni legali?

16/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Inerpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u tingħata f’seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IS-SWIEQI, SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – MULTI/PIENI RELATATI MA’ STORBJU, DIŻORDNI U IMĠIBA ANTISOĊJALI**

**1752. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista’ l-Ministru jgħid kemm inħarġu multi jew pieni relatati ma’ storbju eċċessiv, imġiba anti-soċjali jew ksur tal-ordni pubbliku fis-Swieqi, f’San Ġiljan u f’Tas-Sliema matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid ukoll x'kien il-valur totali ta' dawn il-multi u kemm minn dawn ġew effettivament imħallsa?

16/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Inerpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u tingħata f’seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**IS-SWIEQI, SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – ŻONI B’INĊIDENZA TA' STORBJU, DIŻORDNI U IMĠIBA ANTISOĊJALI**

**1753. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Pulizija identifikatx xi żoni fis-Swieqi, f’San Ġiljan u f’Tas-Sliema bħala hotspots fejn iseħħu b'mod regolari każijiet ta' storbju, diżordni jew imġiba antisoċjali? Jista’ jgħid ukoll x'miżuri speċifiċi ttieħdu sabiex tissaħħaħ il-preżenza tal-Pulizija f'dawn iż-żoni?

16/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Inerpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u tingħata f’seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**AKKOMODAZZJONI TURISTIKA – OBBLIGI TAL-OPERATUR**

**1754. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista’ l-Ministru jgħid x'obbligi għandhom l-operaturi u l-persuni li jamministraw akkomodazzjoni turistika meta jkun hemm rapporti ripetuti ta' storbju jew imġiba antisoċjali mill-klijenti tagħhom?

16/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-obbligi li għandhom l-operaturi jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-Malta Tourism Authority (https://mta.com.mt/licenses-applications/holiday-furnished-premises/). Screenshot tal-website qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI - ANNIMALI SALVATI**

**1775. L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru tgħid kemm ġew salvati jew miġbura annimali mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali matul il-perjodu bejn Jannar 2026 u Ġunju 2026, maqsuma skont l-ispeċi tal-annimal?

16/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li matul il-perjodu indikat fil-mistoqsija, ġew salvati jew miġbura 708 annimali mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali. Dawn kienu 470 qattus, 187 kelb u 51 annimali oħrajn.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI - SOPS**

**1776. L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru tgħid liema Standard Operating Procedures (SOPs) qed jadotta d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali għall-kura, it-trattament u l-immaniġġjar tal-annimali li jidħlu taħt il-kustodja tiegħu? Tista’ wkoll tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta’ dawn l-SOPs?

16/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali qed jadotta SOPs dwar l-Animal Ambulance; Enforcement & Legal Proceedings; Adoption; Fostering u l-Animal Care. Barra minn hekk, qed jiġu żviluppati jew aġġornati SOPs addizzjonali dwar Animal Handling - għall-użu fis-sezzjonijiet kollha fejn jiġu mmaniġġjati annimali; Vehicles & Equipment, inkluża reviżjoni tal-SOP eżistenti dwar il-Fuelling; Control Unit, inkluża reviżjoni tal-SOP eżistenti dwar il-153/17 Call Centre; u l-Access Control relatata ma' studenti, voluntieri u viżitaturi. L-SOPs li ġew finalizzati u implimentati huma dwar Management of Orphaned Neonatal Kittens; Assessment of Aggressive Behaviour in Animals; u Free Vet Services.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI - REKORDS MEDIĊI MIŻMUMA**

**1777. L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' rekords mediċi qegħdin jinżammu mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali fir-rigward tal-annimali li jinsabu taħt il-kura tiegħu?

16/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI - KURA VETERINARJA**

**1778. L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' annimali taħt il-kura tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali li kellhom bżonn kura veterinarja lil hinn minn dik ta' rutina? Tista' wkoll tipprovdi n-numru ta' każijiet li kienu jeħtieġu:
i. interventi ta' dijanjostika permezz tal-immaġini;
ii. testijiet tad-demm; u
iii. kirurġija mhux relatata mal-isterilizzazzjoni tal-annimal għal finijiet riproduttivi?

16/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI - KURA VETERINARJA - STABBILIMENTI**

**1779. L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stabbiliment jew stabbilimenti qed tiġi pprovduta l-kura veterinarja lil hinn minn dik ta' rutina fil-preżent, u ċjoè:
i. interventi ta' dijanjostika permezz tal-immaġini;
ii. testijiet tad-demm;
iii. kirurġija mhux relatata mal-isterilizzazzjoni tal-annimal għal finijiet riproduttivi?
Tista' tgħid ukoll liema stabbilimenti ntużaw matul l-aħħar sena ta' operat tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali sabiex tingħata kura veterinarja lill-annimali taħt il-kustodja tiegħu?

16/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-kura veterinarja li mhix ta' rutina u l-proċeduri speċjalizzati meħtieġa għall-annimali taħt il-kustodja tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali qed jiġu provduti minn stabbilimenti li għandhom kuntratti ta' servizz attivi mad-Direttorat. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal Happy Paws, Vetcare,Vet 4 Pet Health, Animal Aid Clinic, Highrise Veterinary Clinic, Zoomangi Veterinary Clinic u Agrimed għal necroscopy.
Barra minn hekk, skont il-ħtiġijiet individwali tal-annimali, partikolarment fil-każ ta' annimali mhux konvenzjonali, id-Direttorat jista' wkoll jirrikorri għal stabbilimenti veterinarji oħra fuq bażi ta' każ b'każ sabiex jiġi żgurat li tingħata l-kura meħtieġa.
L-istess stabbilimenti kienu fost dawk użati matul l-aħħar sena ta' operat tad-Direttorat sabiex tingħata kura veterinarja lill-annimali taħt il-kustodja tiegħu.

Seduta Numru 13
20/07/2026

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI - ANNIMALI EWTANIZZATI**

**1780. L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm annimali taħt il-kura tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali li ġew ewtanizzati matul il-perjodu bejn Jannar 2026 u Ġunju 2026, maqsuma skont l-ispeċi tal-annimal?

16/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li matul il-perjodu indikat fil-mistoqsija, kien hemm 162 annimal li kellhom jitraqdu wara li kienu eżaminati minn veterinarju, li minnhom 150 kienu qtates, 5 klieb u 7 annimali oħra.

Seduta Numru 13
20/07/2026

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

### MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**W330. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2026?

03/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall- Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 8
07/07/2026

### KOPERATTIVI - IMPATT FUQ L-EKONOMIJA

**W366. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid b'mod reali x'inhu l-impatt li l-koperattivi qed iħallu fuq l-ekonomija f'Malta?

09/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-2024, huwa stmat li l-koperattivi ġġeneraw fatturat ta' €140 miljun, li jirrappreżenta 0.2% tal-ekonomija domestika kollha. L-impjiegi laħqu s-684, li jiġu wkoll daqs 0.2% tal-impjiegi kollha fl-ekonomija domestika.

Seduta Numru 10
13/07/2026